MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 926/1992/2

**Avukat Dr Victor Emanuel Ragonesi bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza ta' General Plastics Limited**

**Vs**

**Chevalier John Parnis England u Stephen Parnis England bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' W.J. Parnis England Limited u b'nota tat-2 ta' Dicembru 1992 li biha Joseph Bowman assuma l-atti in rappresentanza tas-socjeta konvenuta W.J. Parnis England Limited u b'nota tal-11 ta' Marzu 1993 John Parnis England assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-kumpannija konvenuta minflok Joseph Bowman**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fl-1 ta' Lulju 1992, l-attrici ppremettiet:-

*Peress li s-socjeta konvenut accettat ordni mis-socjeta attrici biex tbiegh u tikkonsenja lill-istanti 200 tunellata PVC ta' origini Libjana, bil-prezz ta' 500 dollaru Amerikan kull tunellata, cost u noll Malta (C & F), liema kwantita kellha tigi spedita sal-ahhar ta' Dicembru 1991 (Dok. A);*

*Peress li s-socjeta' konvenuta, minn din il-partita, wara hafna insistenzi, ikkonsenjat lill-istanti 100 tunnellata biss fi Frar 1992;*

*Peress li ghal rikjesti diversi tal-istanti s-socjeta' konvenuta qatt ma tat data meta tikkonsenja l-bilanc ta' 100 tunnellata anzi nsistiet mas-socjeta' attrici li kien ikun izjed facili li tipprovdi ghal bejgh u konsenja ta' l-imsemmija materia prima kemm il-darba l-ordni ssir ghal kwantita' ta' 500 tunnellata bil-prezz ta' 500 Dollaru Amerikan kull tunnellata, CAP Valletta, mill-istess fonti Libjana, bi spedizioni fl-ewwel hmistax ta' Marzu 1992;*

*Peress li s-socjeta' attrici kellha diga' mpenji ta' ordinazioni ta' kwantita' anqas ta' materia prima simili minn fonti diversa, izda s-socjeta' konvenuta baqghet taghti l-assikurazzjoni li b'ordni ta' 500 tunnellata, il-bejgh u konsenja kienu jigu facilitati u effettuati u ghalhekk is-socjeta' attrici kkonfermat ix-xiri ta' 500 tunnellata bil-kondizzjonijiet fuq indikati (Dok. B u C);*

*Peress li s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti, ma kkonsenjat xejn mill-quantitativ indikat, arrekat danni lis-socjeta' attrici konsistenti f'nuqqas ta' produzioni industriali u f'ammont tal-prezz ta' materia prima simili li s-socjeta' attrici kienet kostretta li tixtri minn fonti diversa – ghax fin-nuqqas kien ikollha taghlaq il-fabrika – kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Premessi dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex (1) occorrendo, m'ghandux jigi dikjarat u deciz li baqghet inadempjenti mill-impenn taghha li tbiegh u tikkonsenja 500 tunnellata PVC lis-societa' attrici bil-prezz, condizjonijiet u fil-hin fuq specifikati; (2) m'ghandiex is-societa' konvenuta tigi dikjarata responsabili, minhabba dik l-inadempienza, tad-danni sofferti mis-societa' attrici bhala riduzjoni ta' produzjoni u awment ta' prezz tal-materja prima li s-societa' attrici kienet kostretta li tixtri u thallas; (3) id-danni hekk sofferti m'ghandhomx jigu likwidati, ukoll permess ta' periti nominandi; (4) ghaliex m'ghandiex is-societa' konvenuta tigi kundannata thallas dawk id-danni hekk likwidati, bl-interessi kommercjali minn kull data rispettiva li mis-socjeta' attrici gew sofferti;*

*B'riserva ghal kull azioni ohra, wkoll ta' danni ulteriuri, lis-societa' attrici spettanti, u bli spejjes, komprisi dawk tal-protest tad-29 ta' Mejju 1992, harrek lill-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizjoni.*

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-7 ta' Settembru 1992, il-konvenuta eccepiet:-

*1. Illi l-eccipjenti noe ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma agixxew biss bhala intermedjarji fin-negozju in kwistjoni;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jirrizultax mit-termini tac-citazzjoni jekk l-attur noe huwiex qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegata inadempjenza tal-eccipjenti noe li jikkonsenjaw merkanzija diga' mibjugha jew fuq l-allegata inadempjenza tal-eccipjenti noe li jesegwixxu promessa ta' bejgh jew inkella fuq xi raguni ohra – dan ghandu jigi specifikat mill-attur noe;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-kaz li l-azzjoni attrici hija bazata fuq l-allegata inadempjenza tal-eccipjenti noe li jikkonsenjaw merkanzija diga mibjugha, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur noe ma setghax marte proprio minghajr l-intervent tal-Qorti jiddeciedi li l-kuntratt gie xjolt u jmissu pproceda skond kif titlob il-ligi u senjatament l-artikolu 1385 Kodici Civili (Kap. 16);*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi, fil-kaz li l-azzjoni attrici hija bazata fuq l-allegata inadempjenza tal-eccipjenti noe li jezegwixxu promessa ta' bejgh, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur noe ma ottemperax ruhu mal-ligi, senjatament l-artikolu 1357 (2) Kodici Civili*

*(Kap. 16) biex il-bejgh jigi ezegwit;*

*5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz li l-azzjoni attrici hija bazata fuq l-allegata inadempjenza tal-eccipjenti noe li jezegwixxi xi obbligu kontrattwali ta' natura ohra, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li skond il-principji generali tal-ligi bhala regola l-kuntratti ma jistghux jigu xjolti unilateralment minghajr l-intervent tal-Qorti;*

*6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas allegat fic-citazzjoni huwa dovut ghal ragunijiet estranei ghal u mhux imputabbli lill-eccipjenti noe. (Dok. X);*

*7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur noe ma mminimizzax id-danni kif kien obbligat li jaghmel anzi ghamel ordinazzjoni bi prezzijiet gholjin hafna;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba ghal "interessi kummercjali minn kull data rispettiva li mis-socjeta' attrici gew sofferti" hija insostenibbli stante li ma jistax jiddekorri imghax fuq somma mhux likwidata;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonjiet.

**Kwistjoni**.

L-attrici qeghda tippretendi hlas ta' danni minhabba li l-konvenuta naqset milli tikkonsenja 500 tunellata materja prima li tintuza ghall-manifattura prodotti tal-PVC. Il-prezz pattwit kien ta' US$500 ghal kull tunellata.

Fid-19 ta' Frar 1992 il-konvenuta offriet lill-attrici li taghmel konsenja ta' 500 tunellata materja prima bil-prezz ta' US$500 ghal kull tunellata. L-ewwel konsenja (250 tunellata) kellha ssir fl-ewwel nofs tax-xahar ta' Marzu 1992. It-tieni konsenja (250 tunellata) tinzamm fil-mahzen tal-konvenuta ghall-perjodu ta' 60 jum (fol. 6). Fl-20 ta' Frar 1992 il-konvenuta accettat l-offerta (fol. 7).

Gara li l-konsenja ma saritx. Il-konvenuta qalet li s-supplier fil-Libja kien qieghed isib diffikulta' minhabba sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti mposti fuq il-Libja b'riferenza ghall-kaz ta' Lockerbie. Cirkostanzi li qalet li ma kellhiex kontroll fuqhom.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Fl-ewwel seduta d-difensur tal-attrici ddikjara:

   *"Dr Ragonesi b'riferenza ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, principalment, jissottometti li bejn il-partijiet kien hemm bejgh li gie perfezzjonat appena kien hemm l-accettazzjoni tal-offerta rigwardanti n-natura tal-oggett, il-prezz u l-konsenja. Ghalhekk Dr Victor E Ragonesi jsostni li s-socjeta konvenuta ma kienitx intermedjarja f'dan in-negozju u lanqas si tratta ta' promessa ta' bejgh"* (fol. 18).

   Il-konvenuta ssostni li kienet biss intermedjarja u f'kull kaz mandatarja tal-fabbrika fil-Libja.
2. Wara li l-qorti rat l-atti u semghet il-provi tqies li r-relazzjoni guridika tal-attrici kienet biss mal-kumpannija konvenuta. Il-konvenuta ma ressqitx provi sodisfacenti li juru li kienet qeghda tagixxi biss bhala mandatarja tad-ditta estera:-

   (a) 'Il fatt li l-konvenuta ma timmanifatturax il-materja prima ma jfissirx li l-konvenuta ma setatx tinnegozja f'isimha;
   (b) L-esistenza tan-negozju guridiku ta' bejgh ma jigix determinat minn jekk il-bejjiegh jimmanifatturax l-oggett jew le.
   (c) Id-dikjarazzjoni ffirmata minn certu Fayed Ghaz bid-data tat-23 ta' Lulju 1992 fuq *letterhead* tad-ditta bl-isem ta' Mak Arab Export – Import Trading Agents (fol. 168)[1], m'hijiex prova. Id-dokument m'huwiex affidavit ghaliex ma giex konfermat bil-gurament.
   (d) L-ordni saret lill-kumpannija konvenuta. Meta l-konvenuta ghamlet l-offerta, ghamlitha f'isimha u mhux f'isem il-kumpannija estera (ara Dok. X4 a fol. 24.
   (e) M'hemmx prova li qabel saret l-ordni kien hemm xi kuntatt dirett bejn l-ufficjali tal-kumpannija attrici u l-fabbrika fil-Libja.
   (f) Mill-korrispondenza li giet skambjata fiz-zmien li nqalghet il-problema, il-konvenuta qatt ma qalet li kienet qeghda tagixxi biss bhala intermedjarja jew mandatarja tal-kumpannija estera.
   (g) Jekk kienet biss intermedjarja jew agent tal-kumpannija konvenuta, x'kienet ir-raguni li f'messagg li baghatet lill-attrici fit-28 ta' Mejju 1992 (fol. 47) infurmatha li kienet ghamlet offerta lid-ditta fil-Libja biex tixtri 4000 MT tal-materja prima ? Dan fih innifsu hu ndizju li l-konvenuta ghamlet hekk ghaliex konxja mir-relazzjoni guridika bejnha u l-attrici. Min ikun qieghed jidher bhala intermedjarju jew agent tad-ditta estera mhux ser jaghmel spiza minn butu biex jixtri 4,000 tunellata merkanzija meta l-ordni li kellu kienet ta' 500 tunellata.

[1] Fiha jinghad li l-konvenuta kienet agent ta' Mak Arab Export – Import Trading Agents.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-konvenuta ma kenitx qeghda tagixxi bhala intermedjarja jew mandatarja tal-kumpannija estera.

3. L-Artikolu 1346 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Il-bejgh hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha".*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta spjegat li l-eccezzjonijiet tlieta u hamsa huma alternattivi ghal xuxlin. Minhabba d-dikjarazzjoni li ghamel l-avukat Ragonesi waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 1992, il-konvenuta ddikjarat li kienet qeghda tinsisti fuq il-hames eccezzjoni[2]. Ghalhekk hu evidenti li fl-eventwalita' li ma tintlaqax l-ewwel eccezzjoni, il-kumpannija konvenuta hadet il-posizzjoni li tinsisti fuq il-hames eccezzjoni. Fiha l-konvenuta qalet li l-attrici ma setatx minn jeddha tholl il-kuntratt ta' bejgh u gialadarba ma pproceditx bil-mod kontemplat fl-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili, ma tistax titlob id-danni. Gialadarba l-konvenuta hadet din il-posizzjoni, m'hemmx htiega li l-qorti titratta jekk il-ftehim ghandux min-natura ta' bejgh jew weghda ta' bejgh. Ghall-qorti hu evidenti li l-konvenuta accettat li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti hi ta' bejgh.

Skond l-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili:-

*"Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh biss".*

Imbaghad l-Artikolu 1386 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"Fil-kazijiet kollha, il-bejjiegh ghandu jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata hsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-haga fiz-zmien miftiehem".*

Id-data ta' konsenja kienet 15 ta' Marzu 1992. Il-konvenuta ma onoratx l-obbligu taghha. Hu minnu li fic-citazzjoni ma saritx talba biex jinhall il-ftehim jew biex l-attrici tigi mqieghda fil-pussess tal-haga mibjugha. B'daqshekk ma jfissirx li l-attrici tilfet il-jedd li titlob id-danni. Wara kollox hu principju generali li:

[2] Ara pagna 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

*"Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni"* (Artikolu 1125 tal-Kodici Civili).

4. Hu fatt storiku li fl-1992 ir-relazzjoni bejn il-Libja u l-komunita' internazzjonali ma kienet xejn tajba. Tant hu hekk li kif osservat il-konvenuta, fil-21 ta' Jannar 1992 fil-Gnus Maghquda ittiehdet rizoluzzjoni li biha l-Libja giet mhedda li ser jittiehdu sanzjonijiet kontra taghha. Imbaghad fil-31 ta' Marzu 1992 ghaddiet rizoluzzjoni (numru 748) b'sanzjonijiet kontra l-Libja, li kienu jinkludu *"Deny permission to any aircraft to take off from, land in or overfly their territory if this is destined to land in or has taken off from the territory of Libya, unless the particular flight has been approved on grounds of significant humanitarian need by the Committee established by paragraph 9 below"*.

L-attrici baqghet ma onoratx l-obbligazzjoni fil-konfront tal-attrici. Wiehed irid jiftakar li l-impenn li dahlet ghalih il-kumpannija attrici kien li tforni lill-attrici b'materja prima ghall-prezz ta' US$ 500 kull tunellata. Prezz li l-qorti temmen li gie miftiehem wara li l-konvenuta nnegozjat mal-kumpannija estera. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-attrici kienet taf li l-konvenuta kienet ser tixtri l-materja prima minghand kumpannija Libjana. L-Avukat Ragonesi, chairman tal-kumpannija attrici, u John Parnis England direttur tal-kumpannija konvenuta, kienu hbieb (ara deposizzjoni ta' ibnu Stephen Parnis England, seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 u tal-avukat Ragonesi fis-seduta tas-16 ta' Lulju 1993). Mill-korrispondenza jirrizulta wkoll li l-partijiet kienu qeghdin jitkellmu fl-istadju qabel saret l-ordni (ara per ezempju messagg datat 19 ta' Frar 1992 [Dok. X4 fol. 24] li bih saret l-offerta). Cirkostanzi li jsahhu l-fehma tal-qorti li l-attrici kienet taf minn fejn ser tinxtara l-materja prima. Li s-sitwazzjoni fil-Libja kienet prekarja hu kkonfermat ukoll mill-fatt li l-attrici stess xtrat il-merkanzija minn kumpanniji fl-Ewropa minflok mil-Libja. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghal kontijiet a fol. 147, 148, 149, 150. Kien biss f'Lulju 1992 li l-attrici ghamlet ordni ma' ditta fil-Libja bi prezz oghla (US$ 585 kull tunellata [fol. 151]) fejn jidher li l-prezzijiet kienu ferm orhos minn dawk ta' fabbriki fl-Ewropa.

Il-konvenuta ssostni li ma wettqitx l-obbligu minhabba 'l fatt tat-terz, id-ditta estera. Fis-sentenza **J. Falzon nomine vs S. Mifsud** nomine tas-26 ta' Frar 1960, il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"…. Il-fatt tat-terz jista' jkun ta' effikacja liberatorja bhala forza magguri* ***meta t-terz ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obbligazzjoni****.* ***Hekk, per ezempju, fil-kaz ta' serq tal-haga li kellha tigi prestata mid-debitur*** *(Fadda, idem para. 232, p. 369). F'dan il-kaz, il-konvenut nolleggant kellu relazzjonijiet mal-Cantiere li kienu vitali ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tieghu. Jinghad sewwa fid-decizjoni tal-Qortii ta' Catania, riportata fil-Fadda, loc. Cit, para 190-191: "Non cessa di essere imputabile la*

*causa dell'inadempimento solo perche' essa in origine consiste nel fatto del terzo.... **Il debitore deve rispondere del fatto colposo delle persone della cui opera si sia valso per adempiere la prestazione cui era obbligato**". Ladarba l-konvenut noleggjant ghazel li jassumi l-obbligazzjoni ghad li l-bastiment kien ghadu jissewwa, ghalhekk ma jistax jinghad li dak li gara kien indipendenti mill-fatt tieghu; u la ma kienx, dan hu appuntu wiehed mill-kazijiet li fihom il-fatt tat-terz ma ghandux effikacja liberatorja (Giorgi, loc. Cit, p.23 para 12 in med)"* (enfazi mizjuda)[3].

Hekk ukoll fil-kaz in ezami, it-terz kellu relazzjoni direttta mal-kumpannija konvenuta li xtrat materja prima li kellha tikkunsinja lill-attrici. Il-konvenuta kienet infurmat lill-attrici li l-merkanzija ma kenitx giet konsenjata ghaliex in-nies teknici, li kienu ta' nazzjonalita' Germaniza, kienu telqu mill-fabbrika ghaliex bezghu li ser jinhargu sanzjonijiet kontra l-Libja (ara messagg datat 27 ta' Marzu 1992, Dok. X7 a fol. 27). Madankollu fl-istess messagg jinghad ukoll li ***"This has obviously severely slowed down production"***. Mela l-fabbrika baqghet topera. Fil-fatt f'korrispondenza ohra li ntbagahtet wara, il-konvenuta baqghet tikkonferma li l-materja prima ser tigi konsenjata (ara per ezempju Dok. X9 a fol. 29 u Dok. X11 a fol. 31). Ma tressqux provi sodisfacenti li l-kumpannija konvenuta ma kellhiex htija fil-fatt li baqghet ma kkonsenjatx l-ordni li ghamlet il-kumpannija konvenuta. Ghalkemm kien hemm l-inkwiet fuq skala internazzjonali, il-qorti hi sodisfatta li mill-provi rrizulta li l-process tal-manifattura baqa' ghaddej fil-fabbrika fil-Libja.

Fl-istess sentenza l-qorti osservat ukoll:-

*"4. Hu komunement ricevut li l-fortuwitu bhala fatt liberatorju, ghandu jkun fatt sopraggunt – "il sopravvenuto fortuito', jghid il-Giorgi, idem pag. 145. U "l'impossibilta' di eseguire l'obbligazione deve avere causa in un ostacolo posteriore al perfozionamento del contratto, e non coevo o pre-esistente al medesimo" (Fadda idem. 533). Issa, f'dan il-kaz, il-fatt ma kienx sopraggunt, ghaliex kien prevedibbli, u facilment prevedibbli, filwaqt tal-kuntratt tan-nolegg. L-inadempjenza ta' obbligazzjoni kontrattwali hi haga ta' spiss fil-kummerc, u li xejn affattu ma tissupera 'la prevedibile alea commerciale' – Kollez. Vol. XXIX.ii.15".*

[3] B'analogija tista' ssir riferenza wkoll ghall-kaz **GasanMamo Insurance Agency Limited nomine vs Anton Cuschieri et** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) [Imhallef P. Sciberras] fit-23 ta' Novembru 2005. Dak il-kaz kien jitratta bejgh ta' magna mill-konvenut Cuschieri, li waqt it-trasport li sar minn terz giet danneggata. Il-qorti osservat li l-obbligazzjoni tal-kunsinna kienet tinkludi l-obbligu tal-konservazzjoni bhala *bonus pater familias* (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili). Kompliet tghid: "*Minn dan jitnissel illi jekk fil-mument tal-konsenja l-oggett jirrizulta inadatt jew danneggjat – u f' dan il-kaz l-ezistenza tad-dannu mhix in kwestjoni – il-konvenut venditur, hekk responsabbli mill-kustodja tal-haga, ma jistax jezimi ruhu mill-hitja billi jaddebitaha fuq terzi li kienu ko-involti fit-trasport taghha. **F'kaz bhal dan huwa iniffsu u personalment jirrispondi ghal fatt kolpuz tat-trasportatur**, salv kull dritt ta' rigress li hu jista' jkollu kontra dan".*

Fil-kaz in ezami qabel sar il-kuntratt bejn il-kontendenti, il-Gnus Maghquda bir-rizoluzzjoni numru 731 tal-21 ta’ Jannar 1992 wriet bic-car li ma kenitx ser tittollera li l-Libja ma tikkoperax fl-investigazzjoni relatata mal-kaz ta’ Lockerbie. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenuta stess qalet: *"Sadanittant pero r-relazzjonijiet bejn il-Libja u l-komunita’ internazzjonali kienet sejra ghall-aghar, fil-kuntest tal-kwistjoni tat-tragedja ta’ Lockerbie. Fil-21 ta’ Jannar 1991* (recte, 1992) *kienet ittiehdet rizoluzzjoni mill-Gnus Maghquda illi hedded sanzjonijiet fil-konfront tal-Libja".* Il-ftehim gie konkluz fl-20 ta’ Frar 1992. Mela l-konvenuta m’ghandhiex ragun meta targumenta li dak li gara kien imprevedibbli. Il-konvenuta ssostni li l-posizzjoni li hadet mill-bidunett kienet li *"…. Ma kinitx tahti ghal dan id-dewmien, li kien tort tas-sitwazzjoni politika".* Fil-fehma tal-qorti fiz-zmien li saret l-ordni kien prevedibbli li s-sitwazzjoni politika bejn il-Libja u l-komunita’ internazzjonali kienet diga’ prekarja u kien imminenti li jittiehdu provvedimenti kontra l-Libja. Il-qorti tosserva wkoll li originarjament kienet saret ordni ghal 200 tunellata[4], li kellha tigi kkonsenjata fl-ahhar ta’ Dicembru 1991. Madankollu gew konsenjati 100 tunellata biss, u dan kien f’nofs Frar 1992[5]. Mela l-kumpannija konvenuta kienet diga’ taf li kien hemm okkazzjoni precedenti fejn id-ditta estera m’onoratx il-ftehim kollu. F’dan is-sens ukoll ma jistax jinghad li ma kienx prevedibbli ghall-konvenuta li ser jinqalghu l-problemi fir-rigward tat-tieni ordni. Wara kollox il-merkanzija kellha tinxtara minghand l-istess supplier.

5. Il-konvenuta ma onoratx l-obbligu taghha. Fic-cirkostanzi l-attrici kellha kull dritt li tixtri l-merkanzija minn band’ohra. In-negozju tal-kumpannija attrici kien jiddependi minn xiri ta’ materja prima sabiex jigu manifatturati prodotti tal-PVC fil-fabbrika taghha.

Ma ngiebet l-ebda prova li l-attrici sofriet danni li tippretendi minhabba *"… nuqqas ta’ produzzjoni industrijali"*[6]. Il-qorti taqbel mal-konvenuta li m’hemmx prova ta’ dan. Ghalhekk f’dan ir-rigward m’hemmx danni x’jigu likwidati.

L-attrici tippretendi wkoll id-differenza bejn il-prezz pattwit mal-konvenuta u l-prezz li eventwalment hallset sabiex xtrat il-merkanzija minghand haddiehor. Il-konvenuta qalet li l-attrici *"Mhix qed turi ness dirett bejn xi agir tal-konvenuta u d-diskrepanza fil-prezz".* Il-qorti ma taqbilx. Il-prezz zejjed li kellha thallas l-attrici sabiex xtrat il-merkanzija hu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-konvenuta li tonora l-obbligu. Kieku l-konvenuta wettqet l-obbligazzjoni, l-attrici kienet tixtri l-materja prima bil-prezz ta’ US $500 ghal kull tunnellata. Billi l-konvenuta baqghet inadempjenti, l-attrici kellha thallas iktar ghall-istess merkanzija.

---

[4] Dok. X1 a fol. 21.

[5] F’messagg datat 31 ta’ Jannar 1992 il-konvenuta nfurmat lill-attrici: *"After the month long breakdown in the factory we have finally obtained our first 100 MT allocation. This will be shipped by M.V. Bianco Danielsen loading Zuara 4th February"* (fol. 22).

[6] Premessi tac-citazzjoni.

Ghalkemm il-konvenuta ssostni li l-attrici kienet qeghda tixtri l-merkanzija bi prezz oghla, ma saritx prova ta' dan. Id-dokument X23 u X27 m'humiex prova. Il-qorti tqieshom biss bhala allegazzjoni u xejn iktar.

Hu minnu li b'telex tat-8 ta' Mejju 2009 (fol. 43) il-konvenuta qalet lill-attrici:

*"Our commitment to deliver your order remains. If you wish us to deliver the 500 MT at USD 500 MT C & F Valletta please confirm by 1700 HRS 8.5.92"*.

Sa dakinhar l-attrici kienet diga' ordnat 250 tunellata. Inoltre, b'ittra tat-8 ta' Mejju 1992 wiegbet:

*"Without prejudice to our rights we can consider an offer for 250 tons at the original contracted terms after we receive firm and acceptable date of delivery"* (fol. 44).

It-twegiba tal-konvenuta kienet li l-fabbrika fil-Libja kienet ikkancellat l-ordnijiet kollha *"… and Last Sunday held an auction for 4000 MT PVC K68 which is June's production. We have submitted our bid and if we are successful we will be able to deliver a large volume of PVC to you at very favourable prices. We should have the result of this tender by next week"* (Dok. X27 fol. 47). Ghalhekk il-konvenuta ma tistax tipprova tiehu xi beneficcju billi taghmel riferenza ghad-dokument a fol. 43.

Fir-rigward tad-danni pretizi, mill-verifiki li ghamlet il-qorti mit-taghrif li pprezenta Alan Fleri Soler (ara fol. 146 et seq), jidher li l-kalkoli huma korretti. F'kull kaz il-konvenuta ma ghamlet l-ebda kritika.

6. Fir-rigward tal-imghax dan ghandu jithallas mid-data tal-likwidazzjoni tad-danni. Kien biss fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 li nghata rendikont shih tad-danni li l-attrici tippretendi (ara deposizzjoni ta' Alan Fleri Soler u dokumenti li pprezenta, fol. 140-152). Ghaldaqstant l-imghax ghandu jiddekorri mil-lum.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tiddikjara li t-tieni eccezzjoni giet ezawrita bid-dikjarazzjoni li saret mill-avukat Dr Victor Ragonesi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 1992.**
3. **Tichad it-tielet u hames eccezzjoni.**
4. **Tiddikjara li in vista ta' dak dikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, m'hemmx htiega li ssir xi dikjarazzjoni fir-rigward tar-raba' eccezzjoni.**
5. **Tichad is-sitt eccezzjoni.**
6. **Tichad is-seba' eccezzjoni.**
7. **Tilqa' t-tmien eccezzjoni.**
8. **Tilqa' t-talbiet tal-attrici eskluz dik relatata mat-talba kif proposta ghall-imghax u limitatament fir-rigward tal-prezz zejjed li hallset biex xtrat il-materja prima minghand haddiehor u:**

    **(a) Tillikwida d-danni fis-somma ta' erbghin elf tlett mija u sitta u erbghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€40,346.38).**
    **(b) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas is-somma hekk likwidata, bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenuta u 15% a karigu tal-attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------